MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 77

Il-Ħamis 21 ta' Marzu 2024

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 21 ta' Marzu 2024 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 77.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

77.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier Joseph Cauchi informa lill-Kunsill li ser ikun indispost. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

### 77.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

77.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 76 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

77.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

77.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 77.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

77.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lill-membri li wara li l-Kunsill ħareġ l-avviż biex jiġi offrut is-servizz ta' Klabb Naħla b'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, kien hemm interess minn tlett studenti li ser ikunu qed jagħmlu dan il-programm bejn id-9 t'April 2024 u l-20 ta' Ġunju 2024.

77.3.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li x-xogħol ta' skavar għall-proġett ta' tisħiħ fl-infrastruttura tal-elettriku fix-Xlendi minn Enemalta Plc miexi ġmielu u l-kuntrattur mqabbad minnhom mistenni jagħti t-tarmak fil-jiem li ġejjin.

## 77.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

77.4.1 Il-Kunsillier Mark Busuttil staqsa dwar il-problema tal-ilma fi Triq Puniċi fix-Xlendi. Is-Sindku wieġeb li waqt ix-xogħlijiet minn Enemalta Plc f'dik it-triq, intlaqtu xi servizzi tal-ilma li kienu mgħoddijin fil-wiċċ u l-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma rranġat il-ħsara u ġew mgħoddija aktar 'l isfel. Kien hemm ukoll rapporti ta' xi ħsarat f'servizzi tal-ilma privati f'dik it-triq li ġew irranġati mir-residenti wkoll.

77.4.2 Il-Kunsillier Juliet Attard staqsiet dwar il-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li fl-iskeda l-ħin tal-ġbir tal-iskart jindika li dan jibda fis-7.00 ta' filgħodu.

## 77.5 Proġetti fil-Lokalita';

77.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li ser ikun qed jibda x-xogħol fuq il-bankina fix-Xlendi sabiex jiġi nstallat l-arloġġ wara li ġiet approvata l-applikazzjoni mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

77.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li b'kontinwazzjoni mat-tisbieħ fix-Xlendi liema xogħol kien jinkludi sistema ġdida ta' fanali dekorattivi kif ukoll installazzjoni ta' *railing* ġdid, fil-jiem li ġejjin ser jiġu nstallati l-fanali solari fil-passaġġ ta' taħt Triq il-Kantra.

77.5.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li fir-rigward tal-proġett tad-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka, il-kuntrattur għadu ma bediex il-proġett. Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti li peress li riesqa l-festa u minħabba t-toroq li ser ikunu magħluqa fil-lokalita', ma jagħmilx sens li fi żmien il-festa jkollna Triq Santa Dminka magħluqa wkoll.

## 77.6 Aġġudikazzjoni sejħa għall-offerti:
***MXR/01/2024 - Supply, Delivery And Installation Of External CCTV Camera System For Munxar Local Council – Various Sites;***

77.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar il-5 ta' Marzu 2024. Kien hemm 5 offerti:
G4S Security Service (Malta) Ltd - €16,226.77
Daniel Cassar - €12,375.00
Kathrine Schembri - €16,898.00

Alarmtech LTD - €14,051.00
Alberta Fire and Security Equipment Limited – €16,058.01
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lill-orħos offerent Daniel Cassar li kien konformi mar-rekwiżiti mitluba.

77.6.2 Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat

**77.7 Laqgħa Annwali tal-Lokalita';**

77.7.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li skont l-artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, trid tissejjaħ laqgħa pubblika li fiha jiġu ppreżentati r-rapport amministrattiv, ir-rapporti finanzjarji u l-Pjan ta' Ħidma.

77.7.2 Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex din il-laqgħa ssir nhar it-Tnejn 15 t'April 2024 fil-5.30 ta' filgħaxija. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill dwar dan u ġie deċiż li jinħareġ avviż li jitqassam f'kull residenza fil-lokalita'

**77.8 Il-Festa ta' San Pawl Nawfragu 2024;**

77.8.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li bħal kull sena ssir laqgħa flimkien mal-parroċċa sabiex jitfassal il-programm tal-festa. Din il-laqgħa s'issa għadha ma saritx iżda s-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill jassisti bħas-snin passati. Kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti dwar dan.

77.8.2 Is-Sindku għarraf ukoll li bħal snin oħra, fil-jiem li ġejjin il-Kunsill għandu jirċievi korrispondenza mill-parroċċa jekk isibx oġġezzjoni sabiex isiru l-attivitajiet marbuta mal-festa kif ukoll sabiex jinħaraq logħob tan-nar fil-jiem tal-festa. Il-membri tal-Kunsill ma sabu l-ebda oġġezzjoni sakemm ikun hemm il-permessi kollha meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti.

**77.9 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;**

77.9.1 Il-Kunsill irċieva talba għall-permess ta' *road trenching* mingħand Enemalta Plc fejn ser issir trinka oħra matul parti minn Triq Il-Qsajjem,

Triq Il-Kantra u Triq San Xmun fix-Xlendi. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex waħda mill-kundizzjonijiet tal-permess tinkludi li fejn ser issir it-trinka, it-triq tinkesa' bit-tarmak matul il-wisa' kollha tat-triq.

77.9.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar bi tnedija ta' skema finanzjarja sabiex isir restawr u preservazzjoni ta' monumenti u niċeċ fil-lokalita' kif ukoll għal tisbieħ ta' sqaqien. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jesplora l-possibilta' biex jissottometti din l-applikazzjoni fir-rigward ta' tisbieħ ta' sqaqien fil-lokalita'.

77.9.3 Il-Kunsill irċieva konferma mingħand l-uffiċċju tal-Awditur Ġenerali, mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali kif ukoll mingħand l-Awdituri tal-Kunsill li rċevew kopja tal-istqarrijiet finanzjari għas-sena 2023.

77.9.4 Ċirkulari DLG Numru 1/2024 – Trattament tal-allokazzjoni annwali sħiħa – Proċeduri tal-Kontabilita' tal-Kunsill Lokali u Trattament ta' Self u Fondi ta' Likwidita' addizzjonali li jitħallsu lura fuq talba – Proċeduri ta' kontabilita' tal-Kunsilli Reġjonali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

77.9.5 Ċirkulari SPI/SCI/06/2024 – Tnedija mill-ġdid tal-*Community Inclusive Employment Scheme* (CIES). Il-Kunsill innota l-kontenut.

77.9.6 PQ 17560 – Għawdex: Kunsilli Lokali – Tower Cranes. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

77.9.7 PQ 17625 – Contracts (Community) Manager – Kunsilli Lokali li qed jagħmlu użu mis-servizz. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

77.9.8 Ċirkulari Nru AKL 2024/017 – The Phoenicians' Route: Opening Ceremony – Dialogue on the Phenician's Route 2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

77.9.9 Ċirkulari Nru AKL 2024/018 – Caritas Malta Epilepsy Associatioin Upcoming Forum. Il-Kunsill innota l-kontenut.

77.9.10 Ċirkulari Nru AKL 2024/019 – Training on Climate Adaptation and Mitigation for Locally Elected Representatives – 12&13 March 2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

77.9.11 Ċirkulari Nru AKL 2024/020 – Kollaborazzjoni għat-tifi tad-dawl waqt l-attivita' tal-'Earth Hour 2024'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

77.9.12 Ċirkulari Nru AKL 2024/021 – You Matter: Strengthening Minds, Building Resiliance _ 13.04.2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

77.9.13 Ċirkulari Nru AKL 2024/022 – Fire Warden Training 2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

77.9.14 Ċirkulari Nru AKL 2024/023 – First Aid & AED Training Course 2024. Il-Kunsill innota l-kontenut.

77.9.15 Ilment 06/2024
Resident jitlob sabiex issir il-bankina quddiem il-binja ġdida fi Triq Ir-Ranċis k/ma Triq Żirżieb fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tiġi sottomessa l-applikazzjoni fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex.

77.9.16 Ilment 07/2024
Resident jiġbed l-attenzjoni ta' gallarija perikoluża u li qed taqa' minħabba l-istat ta' abbandum tal-blokka appartamenti fi Triq Il-Kantra fix-Xlendi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li dan l-ilment għadda minnufih għand il-Pulizija tal-Komunita' minħabba l-periklu li kien hemm.

## 77.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

77.10.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 77/2024-8 għall-perjodu bejn it-22 ta' Frar 2024 u l-21 ta' Marzu 2024 li tammonta għal €29,750.13 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmela Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier Mark Busuttil is-sekondant.

## 77.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

77.11.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tnejn 15 t'April 2024 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, it-Tnejn 15 t'April 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |